MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2079/2003

**Jeffrey Gauci**

**vs**

**Joseph Mifsud**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Ottubru, 2003 fejn l-attur talab il-hlas tas-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) rapprezentanti valur ta' munzelli ta' tiben li kienu jinsabu fl-ghalqa mqabbla lill-attur maghrufa bhala "Ix-Xaghra tal-Isqof" fir-Rabat, liema tiben inghata n-nar u gie distrutt mill-konvenut kif ser jirrizulta waqt il-kawza.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fis-7 ta' Novembru, 2003 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Illi l-eccipjenti ma kkawza l-ebda hsara kif allegat fl-avviz promotorju.**

**Illi bla pregudizzju t-talbiet attrici huma ezagerati u l-attur ghandu jipprova l-entita' tad-danni.**

**Semgha x-xhieda ta' Jeffrey Gauci, Joeline Gauci, John Gauci, John Borg, Joseph Mifsud, Charles Xuereb. Ra l-atti u d-dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-attur qed jaghmel din il-kawza ghal hlas ta' danni lilu kawzati f'munzelli ta' tiben li sfaw distrutti f'ghalqa imqabbli lilu u maghrufa bhala "Ix-Xaghra ta' l-Isqof" ir-Rabat. Skond l-attur in-nar gie kkawzat mill-konvenut. Il-konvenut qed jichad li kkawza l-hsara.**

**2. Skond l-attur, fit-2 ta' Settembru, 2003, il-konvenut qabbad in-nar il-Buskett, u n-nar mexa' ghall-ghalqa tieghu fejn kellu munzelli ta' tiben stivati, erba' mitt balla b'kollox. Jirrizulta li dawn damu jaqbdu tlett ijiem. L-attur kien sejjah lil tat-tifi tan-nar li ppruvaw jitfuh u rega' ha. Lill-konvenut ma rahx iqabbad in-nar, pero' skond l-attur kien rah certu John Borg apparti li l-konvenut kien qal lill-mart l-attur u lill-missier l-attur li kien qabbad in-nar.**

**3. Mart l-attur Joeline Gauci tikkonferma li l-konvenut kien qalilha li kien qabbad in-nar, u fl-istess sens xehed John Borg. Dawn ix-xhieda jikkonfermaw li l-konvenut kien dispost li jikkompensa lill-attur ghat-tiben li tilef.**

**4. Il-konvenut jispjega li bejn l-ghalqa tieghu u ta' l-attur hemm triq u jichad li kien hu li qabbad in-nar. Huwa jghid li sab in-nar jaqbad meta b'kumbinazzjoni ghadda minn hemm. Jidher li dak il-hin in-nar kien limitat ghall-ghalqa tieghu.**

**5. Mill-kumpless tal-provi jirrizulta li definittavament in-nar kien beda fl-ghalqa tal-konvenut u nxtered ghall-ghalqa ta' l-attur. Meta l-konvenut mar fuq il-post huwa biex inehhi l-pajpijiet mill-ghalqa tieghu. It-Tribunal ma hux konvint dwar li l-konvenut kien jinsab hemm b'kumbinazzjoni u x-xhieda kollha tindika illi kien hu fil-fatt illi ta n-nar lill-ghalqa tieghu, li bir-rih inxtered ghall-ghalqa ta' l-attur. Tant hu hekk illi kien xi nofs siegha wara li kien ilu hemm il-konvenut li n-nar inxtered ghall-ghalqa ta' l-attur u dan skond ma xehed John Gauci. Il-fatt li a tempo vergine li l-konvenut ammetta li jaghmel tajjeb ghall-hsarat li garrab l-attur, isahhah it-tezi li kien hu li beda n-nar u li lanqas ma ha mizuri sufficjenti biex jevita' li n-nar jinfirex.**
**6. L-attur qed jitlob il-prezz ta' erba mitt lira (Lm400) ghal erba' mitt munzell qamh, li fic-cirkostanzi t-Tribunal iqis ragonevoli.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jsib lill-konvenut responsabbli talli gie distrutt it-tiben ta' l-attur, jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' erba mitt lira (Lm400), bl-imghaxijiet dekorribbli millum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------